MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2012

Mandat Numru. 1485/2012/1

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni Nru. 1485/2012 JZM fl-ismijiet :**

**Michael Ciappara**
**I.D. 216337M**

***kontra***

**Alessio Vella**
**Anthony Sammut**
**Steven Farrugia**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors prezentat fil-5 ta` Ottubru 2012 fejn ir-rikorrent talab lil din il-Qorti sabiex izzomm lill-intimati milli –

*Jkomplu jaghmlu xoghol ta` tahmil bil-gaffa u/jew iqabbdu lil terzi jaghmlu l-istess, liema xoghol qed isir b`mod abusiv, illegali u minghajr ebda raguni u/jew ordni u/jew approvazzjoni tal-esponent fuq ir-raba` li tinsab fejn il-Mithna tal-Gharghur f`isem Mons Luigi Catania Street qabel din it-triq kienet maghrufa bhala Triq Brittania, liema raba` tkompli ghall-Wied, fejn ukoll twaqqa` cint, liema propjeta` tispetta lill-esponent.*

Rat id-digriet taghha tal-5 ta` Ottubru 2012 li bih laqghet it-talba tar-rikorrent provvizorjament, ordnat in-notifika tal-atti lill-intimati u appuntat ir-rikors gha-smigh ghall-udjenza ta` nhar it-Tlieta 16 ta` Ottubru 2012 fis-02.00 p.m.

Rat li l-intimati kienu notifikati bir-rikors u bl-avviz tas-smigh fil-5 ta` Ottubru 2012.

Rat illi ghalkemm ir-rikorrent ma kienx notifikat bl-avviz tas-smigh, huwa xorta wahda deher ghall-udjenza tas-smigh tar-rikors.

Rat ir-risposta tal-intimati prezentata fil-11 ta` Ottubru 2012 fejn, ghar-ragunijiet illi taw, talbu lil din il-Qorti sabiex tichad it-talba ghall-hrug tal-Mandat, bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Rat illi ghalkemm fir-risposta kien senjalat illi l-intimat Sammut kien jismu Emanuel mhux Anthony, ir-rikorrent ma talab l-ebda korrezzjoni fl-isem tal-intimat Sammut.

Semghet ix-xiehda tar-rikorrent u tal-intimat Alessio Vella fl-udjenza tas-16 ta` Ottubru 2012.

Rat id-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet fl-istess udjenza.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet ir-rikors sabiex tipprovdi dwaru kameralment.

**Ikkunsidrat :**

Skond l-**Art.873(1) tal-Kap.12** –

*L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

Skond l-**Art.873(2) tal-Kap.12** –

*Il-Qorti* ***m'ghandhiex*** *tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent 'prima facie' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Mill-Art.873(2) johorgu zewg elementi li jrid jissodisfaw ir-rikorrent. Fl-ewwel lok ghandu juri li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu jeddijiet li qed jippretendi li ghandu, u fit-tieni lok ir-rikorrent irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta` Lulju 1988 fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** qalet hekk –

... *huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

Marbut is-subinciz (2) ma` s-subinciz (1) tal-Art.873, hemm l-element tal-*pregudizzju.* Ghaliex anke jekk rikorrent ghandu jedd *prima facie* l-*pregudizzju* jrid igarrab irid ikun irrimedjabbli. Dan qieghed jinghad ghaliex il-Mandat ta` Inibizzjoni huwa meqjus bhala provvediment legali. Il-harsien li l-ligi qeghda timmira ghalih huwa dak li, minghajr il-hrug tal-Mandat, **il-jedd li jista` jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem u b`mod irrimedjabbli**. Dan ma jfissirx li l-fatt li tkun intlaqghet talba ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni, ikun ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Daqstant iehor lanqas ma jfisser illi l-fatt li talba ghall-hrug ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiz ma jezistix. Li trid taghmel il-Qorti fi procediment bhal dak tal-lum huwa li taccerta jekk, bl-ghemil li minnu qieghed jibza` r-rikorrent, jistax jintilef **darba ghal dejjem** il-jedd li r-rikorrent jidher li ghandu.

Minn kliem il-ligi stess, ir-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat huma **kumulattivi u mhux alternattivi**. Ghalhekk jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta` l-mandat. Tajjeb jinghad ukoll li procedura ta` din ix-xorta hija ntiza sabiex tkun sommarja, billi m`huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd.

**Ikkunsidrat** :

Ir-rikorrent xehed illi hu n-nanna tieghu kien jismu Vincenzo Bonello. Ighid illi dan Bonello kien akkwista r-raba` in kwistjoni bis-sahha ta` kuntratt tat-30 ta`

Dicembru 1918 (Dok A). Bonello kellu tifla jisimha Maria Rosaria sive` Maria, mizzewga ma` Joseph Zammit, li miet qabilha. Ir-rikorrent kien jiehu hsieb din Maria Zammit, Ighid illi huwa kien l-eredi ta` Maria Zammit. Ir-raba` in kwistjoni baqghet ta` Vincenzo Bonello, ghaddiet b`wirt ghand bintu Maria Zammit, u ghaddiet ghandu b`wirt minghand Maria Zammit. Ighid li fir-raba` kienet tinzera` l-patata. Ighid illi huwa kien applika ghall-permess tal-bini wara li ssottometta l-pjanti. Il-permess fil-fatt hareg ghaliex, ighid ir-rikorrent, illi l-MEPA kienet tirrikonoxxi lilu bhala s-sid tal-art. Madwar sitta/tmien xhur ilu, l-intimati kienu vvantaw titolu fuq l-art. Sar anke inkontru ghand l-avukat tar-rikorrent. Pero` ma kien konkluz xejn. Kif l-intimati dahlu fl-art de qua biex ihammluha bi thejjija ghall-izvilupp, huwa pprezenta ir-rikors odjern.

L-intimat Alessio Vella fix-xiehda tieghu kkontesta d-dritt pretiz mir-rikorrent ghall-art. U dan peress li hu u Emanuel Sammut kien xtraw u akkwistaw l-art permezz ta` kuntratt tal-20 ta` Awissu 1996 fl-atti tan-Nutar Dottor John Debono (Dok AV1). L-akkwist sar wara li kienu saru r-ricerki. Mill-gurnata li xtraw l-art `il quddiem, huma esercitaw id-drittijiet kollha ta` sidien fuqha u qatt ma kienu kontestati hlief meta xi xhur ilu kienu tkellmu mar-rikorrent li qal li l-art kienet tieghu u issa meta kienu mizmuma milli jizviluppaw dik l-art. Ghalkemm huma kienu gabu prova li l-art kienet taghhom, mhux daqstant ghamel ir-rikorrent.

<u>Din il-Qorti tghid mill-ewwel, ghall-fini ta` kjarezza u skans ta` ekwivoci, li l-kompitu taghha mhuwiex li tistabilixxi drittijiet ta` natura petitorja</u>. Hadd mill-partijiet ma jista` jew m`ghandu jippretendi li mad-"daqqa t`ghajn" ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi <u>hi</u> bil-procedura <u>specjali u partikolari</u> tal-Mandat ta` Inibizzjoni dak li jispetta lil haddiehor illi jaghmel fil-petitorju. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu u japprezzaw illi l-kompitu ta` din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi <u>finalment</u> dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-

mertu. Ir-rwol ta` din il-Qorti huwa ristrett u limitat fis-sens illi trid tistabilixxi jekk fil-kaz tal-lum jirrizultawx sodisfatti r-rekwiziti kollha tal-Art.873.

Fir-rigward tal-intimati Alessio Vella u Emanuel Sammut (u n-nisa taghhom) jirrizulta illi dawn akkwistaw bil-kuntratt tal-20 ta` Awissu 1996 fl-atti tan-Nutar Dottor John Debono id-dar 76, gia` 34, Triq il-Monsinjur Luigi Catania, qabel Brittania Street, Gharghur, u l-ghalqa adjacenti kif deskritta ahjar fil-kuntratt. Partikolarment ghar-rigward tal-ghalqa, il-provenjenza kif deskritta fil-kuntratt hija dettaljata u toffri perkors car tat-titolu taghhom. Din il-Qorti ezaminat l-kuntratt esebit mir-rikorrent b`reqqa, ghalkemm b`diffikulta` kbira, minhabba l-kaligrafija, drabi llegibbli, ta` min kiteb l-att. L-att huwa indikat bhala *vendita.* Ighid illi r-Rev. Dun Pietro Paolo Zammit u Giovanni Cuschieri, it-tnejn bhala ezekuturi testamentarji ta` l-wirt ta` Caterina Sammut bieghu lil Comm. Alfonso Maria Galea d-dirett dominju ta` tliet liri *della clausura in Casal Gargur denominata Ta' Wied Ghabit miljorata con fbarrriche su Strada Brittania.* Ix-xhieda tal-kuntratt kienu Dottor Francesco Buhagiar u Luigi Molinari. **Vincenzo Bonello, l-allegat awtur tar-rikorrent, ma jinkwadra mkien**. Din il-Qorti tghid *allegat awtur tar-rikorrent* ghaliex anke li kieku rrizultat xi konnessjoni (li mhijiex tidher) ta` Vincenzo Bonello ma` l-att, tibqa` xorta wahda incerta ghall-ahhar il-posizzjoni tar-rikorrent ghaliex ghalkemm fic-certifikat tal-mewt ta` Maria Rosa Zammit (li mietet fid-9 ta` Marzu 2011) jinghad illi hija kienet bint il-mejtin Vincenzo Bonello u Giorgia xebba Ellul, minn l-ebda dokument iehor in atti ma jirrizulta li l-istess Maria Rosa Zammit kienet eredi unika jew ma` haddiehor ta` missierha Vincenzo Bonello. Ghalhekk ghad illi skond l-ahhar testment ta` Maria Rosaria Zammit, li sar fl-1 ta` April 2012 fl-atti tan-Nutar Dottor Alexandra Micallef, id-decujus hatret lir-rikorrent u lil martu Annie Ciappara bhala eredi universali taghha, ma hemmx il-prova li Maria Zammit wirtet lill-genituri taghha. Din il-Qorti tghid ukoll li d-dokumenti relatati mal-izvilupp tas-sit in kwistjoni propost mir-rikorrent u prezentati minnu, la jaghtu konfort u lanqas sostenn lill-pretensjonijiet tieghu.

Billi din il-Qorti mhijiex sodisfatta illi *prima facie* r-rikorrent ghandu jeddijiet, li jimmeritaw harsien bil-hrug tal-Mandat, din il-Qorti hija prekluza milli tordna l-hrug tal-Mandat.

**Ghar-ragunijiet premessi, il-Qorti qeghda thassar *contrario imperio* d-digriet taghha tal-5 ta` Ottubru 2012 safejn kienet laqghet provvizorjament it-talba tar-rikorrent. Tichad it-talba tar-rikorrent ghall-hrug tal-Mandat. Tordna lir-rikorrent sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------